# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2168

Każ Nru 2953/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Mario Sammut

u

Joseph Camilleri

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 1 ta' Awwissu 2012

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul fit-30 ta' Awwissu 2011 mill-Avv. Robert Gauci Maistre f'isem Mario Sammut fejn kien allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment mill-impieg li kellu ma' Joseph Camilleri. L-intimat Joseph Camilleri, li kien assistit mill-Avv. Edward Gatt, innega dan. Inżammu 10 seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba differiment u seduti li ma sarux kif ukoll deċiżjoni preliminari li kellha tittieħed ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent jgħid li kien korra fuq ix-xogħol fit-22 ta' Settembru 2010 u saħansitra kellu jagħmel operazzjoni tant li ma kienx jista' jimxi u għandu *permanent disability*. Jgħid li l-Intimat beda' jħallsu u baqa' jagħmel hekk sa Diċembru tal-2010. Fit-30 ta' April 2011 l-Intimat ippreżenta *termination form* li permezz tagħha indika li r-Rikorrent kien ġie liċenzjat bir-raġuni allegata ta' "is-sid irtira". Iktar tard l-Intimat offra li jħallas il-paga mill-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' April 2011. Ir-rikorrent irrifjuta u l-Intimat irtira l-offerta. L-Intimat jirritjeni li huwa ma kienx jaħdem bħala soċjetà kummerċjali iżda bħala *electrician* u *plumber*. Huwa rtira mix-xogħol wara li għalaq il-61 sena. Jirritjeni li għalhekk ma jistax jerġa jimpjega miegħu lir-Rikorrent.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Il-fatti jidhru li ġraw kif il-partijiet stqarrew. Il-kwistjoni tinpernja ruħha fuq il-ħlas allegatament dovut lir-Rikorrent. Il-liġi hija ċara fejn jidħol korriment soffert waqt ix-xogħol. Infatti l-Intimat baqa' jħallas il-paga lir-Rikorrent għal diversi xhur, iżda mhux għal sena kif jesiġi l-Artikolu 36(15)(a) tal-Kap 452. Ir-raġuni li l-Intimat kien rafa' mix-xogħol minħabba l-età tal-irtirar ma hiex raġuni ġusta għaliex meta fil-fatt ġara l-korriment tar-Rikorrent waqt ix-xogħol skatta obbligu da parti tal-Intimat li ma kellux jiġi xolt meta fil-fatt irtira mill-attività li kellu. Għaldaqstant huwa baqalu l-obbligu li jkompli jħallas lir-Rikorrent ammont ekwivalenti għal paga sal-21 ta' Settembru 2011. Naturalment pagament li jrid jiġi mnaqqas minnu dak kollu li rċieva ir-Rikorrent skont l-Att tas-Sigurtà Soċjali. Rigward it-talba tar-Rikorrent li huwa ġie liċenzjat illegalment f'April 2011 għaliex dan imur kontra dak li hemm imniżżel fl-Artikolu 36(15) tal-Kap 452 ma tistax tiġi akkolta peress illi l-Intimat waqaf mis-servizz lavorattiv tiegħu. Dana bl-ebda mod ma jfisser li l-ħlas li għad għandu jdaħħal ir-Rikorrent sakemm tgħaddi is-sena ma jitħallsux kif ġa ntqal. Ir-Rikorrent qed jirritjeni li meta rtira l-Intimat fil-fatt kien hemm *transfer of business* li ma sarx skont il-liġi. Dan ma ġiex sodisfaċentement ippruvat għad li jidher li kien hemm impjegati ta' l-Intimat li reġgħu bdew jaħdmu ma' min allegatament wiret ix-xogħol tal-Intimat. Ir-Rikorrent huwa permanentement disabbli u mhux qed jistenna li jerġa jiġi mpjegat. Għaldaqstant ir-relazzjoni lavorattiva ma' l-Intimat spiċċat f'Settembru tal-2010 u baqa' biss id-dritt residwu li jkompli jirċievi l-paga sal-21 ta' Settembru 2011. Jekk ir-Rikorrent jidhirlu li kien hemm *transfer of business* kif allega allura għandu mezzi oħra biex ifittex lill-Intimat.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li r-Rikorrent Mario Sammut irid jibqa' jirċievi mingħand l-Intimat Joseph Camilleri l-paga kollha li kien jirċievi qabel għall-perijodu 1 ta' Jannar 2011 sal-21 ta' Settembru 2011. Ma din il-paga jrid isir pagament tal-bonus, perijodi ta' frank u dak kollu li kien intitolat għalih ir-Rikorrent. Minn dana kollu jrid jitnaqqas dak kollu rċieva jew se jirċievi r-Rikorrent mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Il-pagament nett irid isir sal 15 ta' Awwissu 2012.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

It-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed. Dana skond l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-SEGRETARJU